MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2015

Appell Kriminali Numru. 537/2014

**Il-Pulizija**

**v.**

**Fabio Zulian**
***… omissis …***
***… omissis …***

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Fabio Zulian, detentur tal-passaport Taljan bin-numru E120267, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

F'Diċembru 2006, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, kif ukoll barra minn dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

(1) ippromwova, ikkostitwixxa, organiżża, jew iffinanzja għaqda ta’ żewġ persuni jew aktar bil-ħsieb illi jagħmlu reati kriminali li għalihom jista’ jehel il-piena ta’ prigunerija ghal zmien erba’ snin jew aktar (dan bi ksur ta’ l-artikoli 18, 83A(1) u (5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta);

(2) fl-istess data, lokalitajiet u ċirkostanzi, appartjena għal għaqda msemmija fis-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta (dan bi ksur ta’ l-artikoli 18, 83A(2) u (5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(3) fl-istess dati, lokalitajiet, u ċirkostanzi, f’Malta, assoċja ruħu ma’ xi persuna jew persuni f’Malta jew barra minn Malta, bil-għan illi jaghmlu delitt f’Malta li għalih hemm il-piena ta’ prigunerija, u li ma kinx delitt taħt l-Att dwar l-Istampa (dan bi ksur ta’ l-artikoli 18 u 48A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

F’Diċembru 2006 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda:

(4) b’meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b’oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila jew setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta’ aktar minn elf liri Maltin (Lm1,000.00) għad-dannu tal-kumpanija Vittoriosa Gaming Ltd (bin-numru tar-reġistrazzjoni C27613), u ta’ diversi persuni oħra (dan bi ksur ta’ l-artikoli 18, 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta);

(5) fl-istess dati, lokalitajiet, u ċirkostanzi, xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza, hekk kif ikkontemplat fl-artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(6) fl-istess dati, lokalitajiet, u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat (dan bi ksur ta’ l-artikoli 18 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta);

(7) fl-istess dati, lokalitajiet, u ċirkostanzi, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom (dan bi ksur ta’ l-artikoli 18 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta);

F'Diċembru 2006 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

(8) għamel att ta' *money laundering* billi:

a) ikkonverta jew ittrasferixxa proprjeta` meta kien jaf li dik il-proprjeta` kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attivita` kriminali jew minn att ta' parteċipazzjoni f'attivita` kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-oriġini tal-proprjeta` jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni nvoluti jew konċernati f'attivita' kriminali;

b) ħeba jew wera ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta`, meta kien jaf li dik il-proprjeta' kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita` kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita` kriminali;

c) akkwista proprjeta` meta kien jaf li l-istess proprjeta` kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita` kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita` kriminali;

d) bir-ritensjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjeta` meta kien jaf li l-istess proprjeta` kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita` kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita` kriminali;

e) ittenta jaghmel il-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

ai termini ta' l-artikolu 3 tal-Att kontra l-*Money Laundering* Kap 373 u l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' l-Att kontra l-*Money Laundering*, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 23A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imsemmi Fabio Zulian għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fis-16 ta' Diċembru 2014 fejn dik il-Qorti sabitu ħati skond l-artikoli 83A(2), 48A, b'dan illi qieset illi l-aħħar reat kien wieħed kompriż u nvolut fl-ewwel wieħed (cioe` li din l-assoċjazzjoni wasslet għal dan il-*common design*, u modalitajiet tiegħu), 308, 309, 310, 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta (ilkoll skondtha mezz għall-fini għar-riċiklaġġ) kif ukoll skond l-artikoli 2 u 3(2A)(a)(b) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 23, 23A, 23B u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannatu għall-piena ta' seba' snin priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' għoxrin elf euro (€20,000) konvertibbli fi priġunerija skond il-liġi jekk mhux imħallsa, u għall-ħlas ta' l-ispejjeż peritali ammontanti għal ħamest elef disa' mija u sitt euro u tletin ċenteżmu (€5,906.30), b'dan illi jistgħu jiġu konvertiti fi priġunerija skond il-liġi f'nuqqas ta' ħlas. Bl-istess sentenza dik il-Qorti lliberat lill-imsemmi Fabio Zulian mill-effetti ta' l-artikoli l-oħra addebitati, in kwantu għall-artikolu 83A(1); u l-artikoli 189 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għax tqisithom bħala imputazzjonijiet alternattivi;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Fabio Zulian ippreżentat fit-23 ta' Diċembru 2014 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux ħati, u tirrevokaha għall-kumplament u hekk tilliberah minn kull ħtija u piena. Tirrevoka u tannulla d-digriet li bih ordnat it-telfien tad-depożitu u l-ħlas tal-garanzija bid-digriet sussegwenti għall-wasla tiegħu f'Malta, tal-31 ta' Lulju 2013, inoltre u mingħajr preġudizzju tirriformaha dwar il-piena, billi tnaqqas l-istess konsiderevolment;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:-

> "Fondamentalment is-sentenza hija f'diversi punti legali zbaljata u fiha nnifisha wkoll kontradittorja ma' pronunzjamenti taghha stess, f'parti tghid il-maqlub ta' dak li jkun intqal band'ohra fl-istess sentenza.
>
> L-esponenti se jimxi pass pass mal-istess sentenza fl-aggravji teighu.
>
> **A. Eccezzjonijiet preliminari decizi fis-sentenza.**
>
> Il-Qorti l-ewwel tittratta l-eccezzjoni li l-prosekuzzjoni kellha tispjega l-fatti antiguridici li fuqhom kienet qed tibbaza l-akkuza taht il-Kap 373. Ghalkemm din kienet talba halli jigu ppuntwalizzati l-fatti, il-Qorti ghamlet pronunzjament zbaljat meta qalet li din kienet sorvolata mal-prima facie. Ir-rinviju taht l-Artikolu 401(2) tal-Kap 9 jiskatta jekk ukoll hemm ragunijiet bizzejjed biex imputat

jitressaq taht att ta’ akkuza, mqar fuq reat wiehed li jaqbez il-kompetenza **originali** tal-Qorti tal-Magistrati.

“**Nuqqas tal-Avukat Generali li jindika l-Artikoli taht il-Money Laundering Act Kap 373.** Huwa risaput li Qorti tal-Magistrati li tircievi rinviju ghal gudizzju tkun marbuta mal-artiklu citati mill-Avukat Generali. Is-sentenza taccetta li rinviju ghal-gudizzju jekwivali ghall-att ta’ akkuza. Att ta’ Akkuza igib li kull reat irid ikun imfisser u tkun hemm it-talba bl-artikolu tal-ligi, u dan f’kapi differenti. Is-sentenza qalet li f’dan il-kaz ta’ money laundering, l-imputat ma ghandux ghazla, bhal f’xi reati ohrajn. Li ma ntebhitx bih l-istess sentenza kien il-fatt li ma kinitx akkuza unika ta’ reat wiehed, imma kien hemm reati ohrajn. Kieku kien hemm reat wiehed biss il-Qorti kien ikollha ragun. Imma x’kien jigri kieku l-esponenti ghazel li ma joqghodx ghall-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali? Il-process kien jinqasam fi tnejn? Money Laundering fil-Qorti tal-Magistrati u l-kumplament quddiem il-guri? L-Avukat Generali kien ikollu jaghmel att ta’ akkuza, u **wiehed mill-kapi** kien ikollu jkun dak ta’ money laundering.

“Dwar din l-eccezzjoni s-sentenza kkonkludiet hekk ‘.. din il-Qorti qieghda tichad ukoll din l-eccezzjoni tad-Difiza, li hawn si tratta ta’ zball fil-formalita` tal-atti, u li ghalhekk Fabio Zulian fir-rinviju ghall-gudizzju ma giex akkuzat taht il-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta ghax fil-fatt Zulian, gie hekk akkuzat a priori mal-prezentata, u issa l-Avukat Generali ghazel li jibaghtu ghal gudizzju sommarju’. Dan hu zbaljat, zball fil-formalita` fir-rinviju ghall-gudizzju ma jistax jitranga mill-Qorti billi tghid li hu zball tal-formalita`. Anke zball ovvju fl-artikolu ma jistax jigi msewwi.

“**Dwar ir-riciklagg skond is-sentenzi tal-Qorti ta’ Turin.**

“Is-sentenza appellata fuq din l-eccezzjoni komplessa kkonkludiet hekk: **‘Mela in poche parole s-sentenza rimandanti ma semmietx ir-reat ta’ riciklagg, pero` eskludiet fuq bazi ta’ double criminality ir-reat ta’ awtoriciklagg’.**

“L-ittra li ngiebet mill-Avukat Generali mill-Italja mela ma biddlitx is-sentenza tal-Qorti ta’ Turin, li kienet eskludiet ir-riciklagg. Dan taqbel mieghu s-sentenza appellata meta qalet li in poche parole s-sentenza rimandanti ma ssemmietx ir-reat ta’ riciklagg.

“Issa l-artikolu 25 tal-Kap 276 (Estradizzjoni) jghid hekk:

“‘**25.*** (1) Dan l-artikolu japplika għal kull persuna akkużata jew misjuba ħatja ta’ reat skont il-liġi ta’ Malta li titreġġa’ lura Malta minn xi pajjiż tal-*Commonwealth* speċifikat jew minn xi pajjiż barrani speċifikat skont xi liġi ta’ dak il-pajjiż li tikkorrispondi għal dan l-Att.

(2) Ma għandu jsir xejn f’Malta dwar persuna li għaliha japplika dan l-artikolu, matul iż-żmien imsemmi fis-subartikolu

(3) għal jew dwar xi reat magħmul minnha qabel ma treġġgħet lura Malta ħlief dwar-

(*a*) ir-reat li dwaru hi tkun treġġgħet lura;

(*b*) xi reat anqas gravi ppruvat mill-fatti li ġew ippruvati biex jiġi żgurat it-treġġigħ lura tagħha; jew

(*ċ*) xi reat ieħor li dwaru l-pajjiż li minnu tkun ġiet imreġġa' lura jagħti l-kunsens tiegħu li tittieħed azzjoni kontra dik il-persuna.

(3) Iż-żmien imsemmi fis-subartikolu (2) dwar persuna li għaliha japplika dan l-artikolu huwa ż-żmien li jibda bid-data tal-wasla tagħha f'Malta meta tkun treġġgħet lura kif imsemmi fis-subartikolu (1) u li jispiċċa ħamsa u erbgħin jum mill-għada li hi kellha l-opportunità li titlaq minn Malta.'

"Tingibed l-attenzjoni ghal dak li jinghad fis-subartikolu (3)(a) tieghu, fejn kollox jiddependi mid-decizjoni tal-Qorti rimandanti. Allura kif setghet is-sentenza appellata, b'kontradizzjoni ma din il-posizzjoni, aktar il-quddiem tikkunsidra lill-esponenti hati ta' riciklagg meta kienet l-istess Qorti li affermat li l-Qorti ta' Turin bid-decizjoni rimandanti tal-14 ta' Novembru, 2011 ma nkludietx riciklagg???

"In poche parole, skond l-istess sentenza appellata, il-Qorti ta' Turin, fl-14 ta' Novembru 2011, ma baghtitx lil Zulian biex jirrispondi ghar-riciklagg. Punto e basta.

"L-esponenti kien ghamel referenza quddiem l-ewwel Qorti tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Tristan Scott Haynes tat-28 ta' Jannar, 2010 (tinsab fuq il-website) fejn il-Qorti Ingliza kienet illimitat fuq liema akkuzi Tristan Scott Haynes seta' jigi processat wara estradizzjoni.

"Is-sentenza accettat ukoll li fuq l-awtoriciklagg ma kienx hemm kunsens mill-Qorti tal-Appell ta' Turin biex Zulian seta' jigi processat. Hawn jinghad li s-sentenza, kif spjegat ahjar 'il quddiem kienet zbaljata meta kkunsidratt l-awtoriciklagg Zulian ma kienx akkuzat bih. **Naturalment jekk riciklagg jirrizulta mill-fatti li kien awtoriciklagg**, allura tali akkuza tohrog mill-kompetenza tal-Qrati Malti, in forza tal-estradizzjoni, u skond l-Art. 25 hawn citat. Basta li wiehed jifhem id-differenza bejn riciklagg u l-awtoriciklagg.

**B. Assocjazzjoni per delinquere Art. 83A tal-Kap 9.**

"Is-sentenza taccetta li dan gie mmodellat fuq l-Art. 416 tal-Kodice Penale Taljan. U ghalhekk ghamlet referenza ghall-interpretazzjoni moghtija mill-gurista Antolisei.

"Issa jekk wiehed jaqra sewwa x'jghid Antolisei, isib li dan jiddistingwi dan ir-reat mill-ftehim jew il-komplicita`. Ma jistax ikun hemm assocjazzjoni wkoll jekk dawn ma jintrabtux li jikkommettu 'piu` reati', li tfisser diversi reati. Mhix semplicement il-konfoffa, jew il-conspiracy biex jitwettaq reat partikolari. Reati li jkunu mezz ghall-fini, jew konsegwenzjali ghal reat wiehed ma jinkwadrawx l-assocjazzjoni, anche jekk hemm diversi persuni involuti.

"Jghid '*Associarsi per commettere un solo delitto non integra la fattispecie in esame.'*

"U jkompli, anke minn dak li hemm fis-sentenza appellata, *'L'associazione per delinquere presenta qualche affinita` con la compartecipazione criminosa, ma ne differisce profondamente. Nel concorso di persone, infatti, l'accordo fra i compartecipi e` circoscritto alla realizzazione di uno o piu` delitti nettamente individuali, commessi i quali l'accordo medesimo si esaurisce e, quindi, viene meno ogni pericolo per la comunita`. Nell'associazzione a delinquere, invece, dopo l'eventuale commissione di uno o piu` reati, il vincolo associativo permane per l'ulteriore attuazione del programma di delinquenza prestabilito e, quindi, persiste quel pericolo per l'ordine pubblico che e` caratteristica essenziale del reato"*

"Kif jirrizulta mill-istess sentenza, meta l-Ispettur prosekutur gie kontroezaminat fil-bidu, huwa qal li **l-assocjazzjoni kienet konfoffa b'dannu tal-Casino di Venezia**. Dik mhix l-assocjazzjoni. Hija l-kompartecipazzjoni fid-delitt ta' diversi persuni. L-istess bhal jekk numru ta' nies jiftehmu li jisirqu bank.

"Kif jghid l-Antolisei irid ikun hemm l-organizazzjoni ta' reati li jiskossaw l-ordni pubbliku, u joholqu biza' fis-socjeta`.

"Huwa rilevanti hafna dak li tghid is-sentenza f'dan li gej: **"Dan kollu dejjem bi skop li jsiru reati kriminali, fil-kaz taghna dan il-frodi ad dannu tal-Casino, u jekk jirrizulta reciklagg ta' flus." (pagna 75 tas-sentenza).**

"Dan juri li s-sentenza ma fehmitx il-portata tar-reat de quo. Issemmi bhala r-reat bazi l-frodi b'dannu tal-Casino, kif kien qal l-istess Spettur fil-bidu. Ghax qisu ntesa' dak li gie kkwotat mill-Antolisei: *'Nel concorso di persone, infatti, l'accordo fra i compartecipi e` circoscritto alla realizzazione di uno o piu` delitti nettamente individuati, commessi i quali l'accordo medesimo si esaurisce e, quindi, viene meno ogni pericolo per la comunita`.'*

"Il-guristi kollha taljani jishqu fuq aspett ta' permanenza tal-organizzazjoni. Mhux bizzejjed li jkun hemm ftehim saltwarju biex jigu kommessi reati. Irid ikun hemm programm kontinwu u li se jibqa' fis-sehh. Din l-organizzazjoni trid tkun theddida ghall-**ordni pubbliku**, kif jghid l-Antolisei.

"Issa s-sentenza appellata ssemmi l-frodi b'dannu tal-Casino, u **jekk jirrizulta** r-riciklagg. It-tipi grassi saru apposta. Fl-assocjazzjoni, huwa ftehim li jrid jirrizulta, qabel ir-reati kommessi. Irid ikun hemm il-ftehim li jkun hemm ir-riciklagg, u mhux jekk ikun hemm ir-riciklagg allura wiehed jasal li hemm l-assocjazzjoni.

"Fejn hu l-element tal-ordni pubbliku? Fejn hemm, fi kliem Antolisei "ogni pericolo per la comunita`?"

"Finalment hemm **kwestjoni tal-gurisdizzjoni**. L-artikolu 83A(5) jaghmilha cara li jekk tigi mwaqqfa l-assocjazzjoni hawn Malta, anke jekk l-attivita` taghha u l-

iskop ikunu se jigu esegwiti barra minn Malta, xorta jkun prosegwibbli r-reat ta' assocjazzjoni f'Malta. Imma mhux bil-maqlub. Jekk assocjazzjoni tigi mwaqqfa barra minn Malta, u taghmel attivita` Malta, dan mhux prosegwibbli bhala "assocjazzjoni a delinquere", liema reat jigi kommess fil-mument tat-twaqqif tal-organizzazjoni. Ma hemm l-ebda prova li xi **organizzazjoni twaqqfet f'Malta**. Anzi l-provi tal-prosekuzzjoni juru li se mai twaqqfet fl-Italja, u skond il-Qorti (b'suspett) fir-Rumanija. U l-adezjoni saret f'Malta. Ghalhekk hemm il-kwestjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin fuq il-fatti, kemm bhala organizzatur u kemm bhala kompartecipi.

"Minn pagna 81 tas-sentenza: 'Thoss il-Qorti illi hemm bizzejjed provi a bazi tal-fatti gia` esposti, li jorbtu bla dubbju dettat mir-raguni lil Zulian ma' dan il-ftehim li sar (probabbilment) gewwa r-Rumanija biex jigi defrodat il-Casino bl-uzu ta' strumenti ta' kreditu lleciti.'

"Huwa minnu li l-esponenti instab hati biss li kien partecipi fl-assocjazzjoni. Imma qabel irid jigi pruvat li kien hemm l-assocjazzjoni. Mill-fatti esposti fis-sentenza jist`' jirrizulta r-reat ta' truffa, u dan b'konkors jew komplicita` ta' diversi persuni, imma mhux li kien hemm l-assocjazzjoni.

"Ghalhekk dan ir-reat fit-totalita` tieghu ma kienx jirrizulta.

**C. Reat taht l-artikolu 48A tal-Kap 9.**

"Hawn is-sentenza hija zbaljata ghal kollox fuq l-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu fit-totalita` tieghu. Jekk wiehed jara fejn tpogga mil-legislatur, jinduna li huwa fil-parti generali tal-ligi, ghax fil-fatt qed jibdel il-punibilita` dwar it-tentattiv u tal-komplicita`. Qabel konna nghidu li t-tentattiv huwa biss punibbli meta jkun hemm bidu tal-eskuzzjoni. B'din iz-zieda, imqar jekk ma tkun saret l-ebda bidu ta' esekuzzjoni, jaqa' taht din il-kappa.

"Waqt li s-sentenza kwotat l-ewwel zewg subartikoli, naqset li ggib it-tielet wiehed li jghid li ghall-fatt biss tal-kongura, minghajr ebda bidu ta' ezekuzzjoni ta' xejn, il-kompartecipi jehlu tar-reat imnaqqas b'zewg jew tlett gradi.

"Issa jekk jigi kkunsmat ir-reat, ma jistax jigi punit xi hadd tar-reat kunsmat, u b'zieda mieghu tal-kongura ma' xi persuna ohra. L-istess daqs kemm wiehed li jinsab hati ta' serq ma jistax barra minn hekk jinstab hati tat-tentattiv tas-serq.

"Hawn il-prosekuzjoni qed tikkontradici lilha nnifisha. Hawn tghid li hemm reat wiehed, u taht l-Artikolu 83A qalet li hemm "più reati". Liema hija s-sewwa.

"Finalment is-sentenza hija zbaljata meta tghid li dan hu reat. Dan mhux reat, imma huwa msemmi, jerga' jinghad, fil-parti generali tal-kodici, qabel jibdew jissemmew ir-reati. M'ghandux piena awtonoma, daqs kemm m'ghandhomx piena awtonoma t-tentattiv u l-komplicita`. L-esempju li gabet is-sentenza mill-conspiracy fid-droga, huwa differenti minn dan il-provvediment generali u huwa reat **per se stante**.

**D. Frodi/Truffa**

"Is-sentenza hija pjuttost skarna fuq dawn ir-reati.

"Taccetta pero` dan li gej: 'Verament kif qal l-Avukat Difensur hawn si tratta ta' cheques post-dated li allura l-Casino ghamel hazin li accetta, pero` dan ma jannullax jew igib fix-xejn l-animu ta' Zulian illi jiddifroda lill-Casino bl-Ggoti ta' dawn ic-cekks'.

"Jinghad mal-ewwel li l-esponenti rrefera u ppresenta kopja tas-sentenza Willoughby tal-Appell Kriminali, minn fejn jirrizulta li post-dated cheques ma jistghux jitqiesu bhala l-messa in xena mehtiega ghar-reat ta' truffa.

"Kien hemm u ghad hemm id-divjet tal-ligi fl-artikolu 35 tal-Kap 4000 (Gaming Act) li min ikun qed imexxi Casino jaccetta post dated cheques.

"Il-Casino' ma jistax jghid li gie ngannat, ghax kellu ghajnejh miftuha mill-ligi biex ma jafdax, imma mhux b'mod generali, imma specifikatament li ma jaccettax post-dated cheques. Sahansitra tghid il-ligi li l-anqas jistghu jfittxu ghalihom civilment.

"U dan jidhol fuq it-telf patrimonjali. It-telf patrimonjali ma jistax jigi kalkolat fuq il-Casino tal-fiches biex isir il-loghob. Ghax l-istess Casino kien jaf li ma kienx qed jaghmel operazzjoni legittima da parti tieghu. Daqskemm jista' sewwieq ifittex lill-kumpanija li ghamlet il-karozza tieghu, li hu saq bi speed qawwi, u minhabba l-qawwa tal-istess karozza tela' speed esagerat, u s-sewwieq habat u wegga'.

"It-telf patrimonjali jappartjeni lil min hu vittma.

"Is-sentenza taghmel enfasi fuq il-hbiberija u l-kreditu li kellu Zulian ma' Orlandi, u kliem li kien interessat jidhol f'sehem fil-Casino. Il-gurisprudenza tabbonda bl-espressjonijiet li l-kliem menzonjer biss mhux bizzejjed li jaghmel ir-reat ta' truffa.

"Argument li ggib is-sentenza huwa li Zulian kien jaf li dawk ic-cheques ma kienux tieghu. Immaterjali. Dawn kienu biss promessa ta' pagment, u la kienu post-dated l-anqas kienu esigibbli skond il-ligi. X'kien jigri kieku kien cheque post-dated u girat? L-istess posizzjoni.

"Wara kollox dan il-qliegh seta' kien biss il-possibilita` li wiehed jilghab fil-Casino. Ma kien hemm l-ebda qliegh iehor ghad-dannu tal-Casino. U aktar mas-sentenza tishaq fuq il-kreditu ta' €10000 fuq il-kelma ta' Barut aktar jissahhah l-argument li hawn ma kienx hawn frodi, imma l-Casino kien konsapevoli li kellu quddiem gukatur inkallit, u jaqbel li jfissduh halli jigi lejn dan il-Casino.

"Ghalhekk mir-ragunament tas-sentenza ma tirrisultax it-truffa jew qliegh b'qerq.

**E. Falsifikazzjoni u uzu ta' dokument falz.**

"L-esponenti kien qajjem u jerga' jqajjem il-kwestjoni li fuq l-assenji cirkolari, jew bank-drafts li rrizultaw foloz, ma hemm l-ebda prova li l-falsifikazzjoni saret Malta. Ghalhekk ma hemmx kwistjoni, anzi, li ghal dan ir-reat ma hemmx **gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin**. Ghalhekk saret il-mistoqsija jekk id-drafts kinux miktuba bl-idejn jew bit-type writer jew computer.

"Banker's draft huwa dokument ta' bank privat. Imma cheque personali mhux, jibqa' dokument privat u personali. Il-Banker's draft huwa dokument ta' bank privat ghax dak li hemm fih huwa suppost mahrug mill-bank privat. Cheque personali m'ghandux din il-kwalita', ghax il-bank ma jkun qed jigarantixxi xejn dwar dak ic-cheque, perezempju li se jissarraf u hemm fondi bizzejjed ghalih.

"Il-Qorti waslet li kien hemm htija dwar ic-cheques li Zulian iffirma fuq cheques li ma kinux tieghu. Dik ma kinitx taqa' taht l-Artikolu 183 ghar-raguni hawn migjuba. Seta' kien applikabbli l-Art. 187 tal-Kap 9, soggett li jkun hemm l-elementi rikjesti fl-artikolu 187.

"L-argument tas-sentenza li pero` Zulian ma setax ma kienx jaf li l-bank drafts kienu dubjuzi u sarraf minnhom, huwa biss ipotesi. Fil-fatt numru kbir minnhom instabu ghand Barut. U dan il-fatt jikkonferma dak li qal Zulian waqt ix-xhieda tieghu li l-Banker's drafts kienu ghand Barut.

"Hawn kellha tigi ppruvata ix-xjenza.

**F. Money Laundering**

"Is-sentenza appellata hija zbajlata sewwa fuq dan il-kap.

"L-underlying offence trid taghti gwadann. Dan il-gwadann ikun ta' min jikkommetti r-reat. Il-halliel li jisraq bank, l-ispaccatur li jbiegh id-droga, it-truffatur li jiffroda lil haddiehor, imma ma jikkonfigurax fl-istupru perezempju, fejn ma hemmx gwadann monetarju jew ta' assi.

"Ir-reat tal-money laundering huwa sussidjarju ghar-reat principali, jew underlying offence. Jigi warajh fiz-zmien.

"Isir ir-reat meta l-flus li gew minn attivita` kriminali jinhaslu u jidhru ndaf. Imma ma jistax ikunu indaf sakemm ghadhom il-proventi tar-reat. Dan l-istess bhal fis-serq. Il-halliel jista' jahbi dak li jkun seraq, u jzommu ghandu. Ma jsirx b'daqsekk ricettatur ukoll tal-oggetti li jkun seraq, ghax ikun laqa' ghandu hwejjeg misruqa. Ghalhekk il-ligi taghmel hafna ipotesijiet ta' kif tista' tinbidel jew tinheba l-provenjenza taghhom. Sakemm ghadhom ghand il-hati tar-reat, fl-istat li gew ghandu, ir-reat ma jesistix. Irid ikun hemm il-pass sussegwenti li tinbidel il-forma taghhom.

"Jekk niehdu bhala ezempju l-kaz ta' wiehed li jistampa l-flus foloz, u jispaccjahom u flokhom igib flus tajba jew assi ohra, sa dak il-punt ma jkunx ghamel l-ebda riciklagg. Jekk tinxtara propjeta` allura jibda jkun hemm ir-riciklagg, **skond il-ligi taghna**.

"Il-ligi taghna tikkomprendi kemm ir-riciklagg li wiehed jaghmel ghal haddiehor li ma jkunx il-hati tar-reat li minnu gew il-flus (financial adviser li jghin lil spaccatur tad-droga biex jaghmilhom jidhru investiment legittimu) jew meta l-istess hati minghajr l-intervent ta' hadd, idawwarhom jew imur jixtri propjeta` f'ismu. It-tieni ipotezi hija dak li jissejjah auto-riciclaggio fil-ligi taljana. Ghar-riciklagg fil-ligi taljana jrid ikun hemm mill-inqas zewg persuni, il-hati tar-reat li jkun bir-reat tieghu gab il-flus, u l-persuna l-ohra li tircevihom minghandu u tahbihomlu ecc. Ghalhekk ghamluha fl-artikolu 648Bis, li jigi preciz wara l-artikolu 648 li hu tar-ricettazzjoni. Fil-ligi taghna z-zewg ipotezijiet huma t-tnejn maghqudin fl-istess reat komplessivament, u l-ligi tkopri kemm ir-riciklagg maghmul minn terz u kemm l-awto riciklagg.

"Passagg tas-sentenza li jmur kontra l-elementi tar-reat ta' money laundering huwa s-segwenti:

"'Mela bla dubbju din il-Qorti stabbiliet illi kien hemm dawk ir-reati sottostanti mill-gukaturi tal-Casino di Venezia; sabet htija fil-konfront ta' Zulian tal-assocjazzjoni per delinquere, l-assocjazzjoni - conspiracy, truffa u falsifikazzjoni. Issa l-Ligi trid, biex jigi ppruvat ir-reat ta' reciklagg, illi dan Fabio Zulian kien jaf, fit-test Ingliz *"**knowing** such property"*, kienet derivanti direttament jew indirettament minn rikavat ta' attivita` kriminali. Mhux biss jehtieg illi dan ir-rikavat ikollu dik il-provenjenza, imma li conoscendo dan l-agent, jahbi din in-natura tieghu billi jikkonvertieh fi flus jew rikavat li jidher lecitu, jahbi l-provenjenza tieghu ta' dan ir-rikavat u jibdillu n-natura ta' llecita` billi jikkonvertieh ghal dak illi issa jkollu sembjanza lecita. Jinhtieg illi l-agent ikun jaf *"knowing"* illi dawn il-flejjes jew proprjeta`, ikollhom provenjenza ta' attivita` kriminali.'

"Nezaminaw dan il-bran. Skond l-istess sentenza hemm l-assocjazzjoni u l-conspiracy appena jkun hemm il-ftehim fuq l-iskop u l-modalitajiet. Ma jfissirx li jkunu dahlu xi flus. Fit-truffa, kien hemm telf ghall-Casino u dan kien jikkonsisti fi hlasijiet li kellu jaghmel il-Casino lil haddiehor. Dwar il-falsifikazzjoni ma kienx hemm l-ebda flus dehlin, anke jekk wiehed jaccetta t-tezi tal-Qorti, ghax il-falsifikazzjoni kienet mezz ghall-fini biex il-Casino jhallas. Suppost il-Casino kien qed ihallas bi flus nodfa. Mela meta min ircevihom kien qed jircevihom minghand il-Casino, ma kien qed jaghmel l-ebda riciklagg. Il-Qorti ghamlet enfasi fuq il-kelma "knowing". L-enfasi kellha tkun fuq il-kliem **"such property". Il-halliel li jkun ghadu kemm seraq bank, ikollu fil-borza tieghu flus li jaf li gejjin minn reat, imma sa dak il-mument ma jkun ikkommetta l-ebda reat ta' money laundering. Imma jekk imur ghand habib tieghu il-bank, u minghajr ebda mistoqsija jpoggihomlu fuq kont, allura tal-bank ikun qed jaghmel money laundering, u skond il-ligi taghna anke l-halliel, imma biss fil-mument li jkun mar jahsilhom il-bank. (Mhux hekk fil-ligi taljana).**

"Bran iehor li jsegwi huwa dan: 'Illi mela stabbiliti li fil-fehma tal-Qorti l-flejjes li ntuzaw gewwa l-Casino di Venezia kellhom provenjenza llecita, din il-Qorti trid tifli u tara jekk Zulian kellux xjenza ta' dan il-fatt". Fl-istess sentenza jinghad li Zulian qatt ma laghab bi flus tieghu. X'inhuma l-flejjes? Biex ikun flejjes iridu jkunu ta' valur, u mhux cheques foloz jew bank-drafts fazulli, kif jghid l-ispettur

stess. Il-flus huma flus u iridu jaqghu taht id-definizzjoni ta' proprjeta` kwotata wkoll mill-Qorti. Fid-definizzjoni perezempju titkellem dwar "*(a) kull flus, kemm jekk l-istess flus ikunu jew ma jkunux valuta legali f'Malta, bills, titoli, bonds, dokumenti negozzjabbli jew kull dokument li jista' jkun negozzjabbli inkluz dokument li jithallas lill-portatur jew imdawwar biex jithallas lill-portatur kemm jekk espressi f'ewro jew f'xi flus ohra barranin;"* Naturalment il-ligi ma kinitx qed tinkludi wkoll flus foloz, kemm Maltin u kemm barranin, bills foloz, titoli foloz, jew dokumenti negozzjabbli foloz.

"**Semplici hafna: il-flus iridu jkunu tajbin imma mahmugin. F'dan il-kaz ma kinux flus tajbin, jew dokumenti tajbin. Kellhum valur zero, ghax meta jigu presentati ma kinux jissarrfu. Kif fil-fatt gara.**

"Ma tirrizulta l-ebda prova li Fabio Zulian hareg mill-Casino b'somma flus li rebah allegatament b'qerq, u mar jipprova hu stess jahbi l-provenjenza taghha f'Malta. Kieku ghamel hekk, kien ikun qed jaghmel autoriciclaggio. Jekk jghaddihom lil haddiehor, huwa l-haddiehor li jaghmel r-riciklagg. Ghalhekk il-ligi taghmel hafna regoli fuq banek, financial institutions, accounts, nutara, u anke avukati.

"Is-sentenza tghid fil-bidu taghha li l-awtoriciklagg huwa esklus mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Turin, filwaqt li ghandu jinghad wkoll li ma hemmx fis-sentenza ta' Novembru, 2011, mill-Qrati rimandanti li kienet qed tibghat fuq riciklagg in generali. Dik il-Qorti qalet li kienet traduzzjoni sfortunata ta' "sparizione di soldi". **Ma tistax tigi supplita b'ittra sussegwenti. Kien hemm bzonn pronunzjament gudizzjarjau f'sentenza jew ordinanza fuq talba apposita. Din ma saritx. Fis-sistema tal-estradizzjoni taht il-European Arrest Warrant, illum hija minn Qorti ghal-Qorti ohra, u l-esekuttiv ma jidholx hlief biex jitrasmetti. Imma l-pronunzjament huma kollha dipendenti fuq il-qrati ta' zewg pajjizi.**

"Ghalhekk japplika l-artikolu 25 tal-Kap 276.

"Pero' fuq l-autoriciclaggio hija carissima u s-sentenza taccetta din il-limitazzjoni.

"F'dan il-kaz partikolari, jekk l-esponenti kkommetta truffa, il-proventi tad-delitt tieghu, sakemm ma jghaddihomx lil haddiehor, ma jistghux ikunu l-bazi tar-reat tar-riciklagg. Jekk jghaddihom, skond il-ligi taljana, ikun hati tar-riciklagg, it-tieni persuna li tircevihom u tipprova tmexxihom, tahbi, tibdilhom u f'kelma wahda tnaddafhom. Imma r-riciklagg huwa tat-tieni persuna, mhux tal-awtur tar-reat li minnu gew il-flejjes.

"Fi kliem is-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Turin citata fis-sentenza appellata l-posizzjoni hija carissima: "*intesi, si badi, come successiva sostituzione, trasferimento o nascondimento mediante altre attivita` da parte di un soggetto di denaro proveniente da un illecito <u>commesso dal soggetto medesimo</u>...."*

"Din kienet il-posizzjoni legali taljana sal-4 ta' Dicembru, 2014, ferm wara li graw il-fatti. U ghalhekk illum mhix applikabli l-ligi l-gdida li dahhlet l-autoriciclaggio.

"Minn fuq Wikipedia jinghad hekk: 'L'**autoriciclaggio** è il riciclaggio di denaro di provenienza illecita, compiuto dalla stessa persona che ha ottenuto tale denaro in maniera illecita. Fino al 2014 questo reato non esisteva nel Codice Penale Italiano.

"'Un caso famoso a tal proposito fu quello di Vito Ciancimino, sindaco mafioso di Palermo, il quale, durante il processo per concorso esterno in associazione mafiosa, non fu imputabile per il riciclaggio del denaro accumulato grazie alle sue relazioni con la mafia.[2]

"'Il 4 dicembre 2014 è stata approvata la legge n.1642/2014 che istituisce nel Codice Penale Italiano il reato di autoriciclaggio, creando l'articolo 648-ter.1: il nuovo reato è punito con una pena da 1 a 4 anni di reclusione e con una multa da 2 500 a 12 500 euro nel caso in cui il denaro, i beni o le altre utilità sporche siano state ottenute con un crimine che prevede una pena inferiore ai 5 anni; in tutti gli altri casi il reato invece è punito con una pena da 2 a 8 anni di reclusione e con una multa da 5 000 a 25 000 euro. Nel caso in cui il denaro, i beni o le altre utilità ottenute con il crimine vengano destinate alla mera utilizzazione o al godimento personale il reato non è invece punito, purché, precisa il testo, non ci sia stata l'intenzione in tal modo di occultare i frutti del reato. In tutti i casi viene, naturalmente, punito il reato con il quale si sono ottenuti il denaro, i beni, o le altre utilità in questione.'

"Anke ghal dak li s-sentenza tirreferi ghal nies ohra li kienu fil-grupp. Ma hemm l-ebda prova li fl-aghar ipotesi m'ghamlux autoriciclaggio.

"**Imma Zulian personalment ma baghatx ewro wiehed il-bank jew barra, u ghalhekk l-anqas l-autoriciclaggio ma jissussisti.**

"Is-sentenza imbaghad fuq ix-xjenza mehtiega tghid: 'Ghalhekk il-Qorti tenut ta' dan kollu u tenut ic-cirkostanzi li rrizultawlha, temmen illi Zulian kellu xjenza tajba tal-provenjenza xejn nadifa tal-kreditu li beda jinbidel f'cippi mal-cassa, **tal-istrumenti bankarji uzati**.'

"Bir-rispett kollu **dak** l-element intenzjonali seta' jiswa ghat-truffa imma mhux ghar-riciklagg. Il-provenjenza xejn nadifa kellha tkun tal-proventi u r-rikavat mhux **ta' cheques u bank-drafts fazulli li kellhom valur zero**!

"Fi ftit kliem ir-riciklagg, ta' terzi jew autoriciklagg, jippresupponi flus tajba (imma mahmugin) u jinhaslu biex jibqghu tajba u ndaf. Jekk ikunu bicca karta ma tiswa xejn, tahsilhom kemm tahsilhom, mhux se jigu tajbin u ndaf.

**G. Appell dwar l-ispejjez peritali**

"Taqra kemm taqra s-sentenza ma jinstab xejn li xi perizja swiet lill-ewwel Qorti ghar-raggungiment tal-konkluzjonijiet taghha. L-anqas wiehed. Jekk l-Avukat

Generali fir-rinviji tieghu talab hatra ta’ esperti ghal xejn, m’ghandux ibati l-ispejjez taghhom l-appellant.

“Jekk wiehed jaghmel ‘search’ fuq is-sentenza ghall-kelmiet ‘espert’ jew ‘esperti’ ma jsibx li jissemmew darba. Allura kif jista’ wiehed jghid li dawn kienu mehtiega?

“Anke l-falsita` jew li c-cheques kienu fazulli l-prova saret bir-rogatorji u mhux mill-esperti nominati mill-Qorti. Ghalhekk dawn kienu spejjez inutli. U tezisti gurisprudenza fuq dan il-punt.

“Inoltre kien hemm tliet imputati meta saret il-hatra. Kif l-ispejjez kollha gew allokati lil wiehed? Se mai kellhom jinqasmu bejn tlieta. Jekk wiehed minnhom miet “bad luck” ghall-erarju Malti, ghax *mors omnia solvit*.

“Bizzejjed li wiehed ihares lejn l-Art. 533 tal-Kap 9 biex jinduna li mhux l-ispejjez kollha awtomatikament jidhlu fil-kont. Iridu jkunu utilizzati l-esperti fil-proceduri, u jirrizulta li gew hekk uzati, u mhux inutilment. Inoltre hawn il-Qorti ma kinitx qed tikkundanna “solidalment” ghax wiehed kien hemm fl-ahhar. Imma l-gustizzja titlob li kulhadd ihallas is-sehem tieghu, b’mod generali, imma jekk ma kienu ta’ siwi xejn, ihallas min riedhom.

**H. Dwar il-piena**

“Il-piena kienet gravuza. Il-Qorti erronjament stabbiliet bhala r-reat principali r-riciklagg, meta dan ma kellux legalment jirrizulta.

“Piena ta’ seba’ snin habs hija gravuza taht kwalunkwe lenti. Bizzejjed li wiehed iqabbel mas-sentenza li nghatat lil Nevio Barut mill-istess Qorti. U fuq Barut instabu 9 banker’s drafts fazulli.

“Ghalkemm waqt id-dibattitu l-Qorti kienet qalet li mhux se tkun influwenzata mill-fatt li huwa abskonda minn Malta, pero` fil-motivazzjoni tas-sentenza dwar il-piena, haditha in konsiderazzjoni, u *expressis verbis*.

“Hekk ukoll jinghad dwar l-atteggament tieghu fil-pedana tax-xhieda. Fi kliem is-sentenza: ‘Ikkunsidrat ukoll illi frankament ftit jekk mhux xejn, l-imputat ma wera xi rimors tal-akkadut. Car dan mill-attitudni u komportament tieghu waqt id-depozizzjoni tieghu’. F’dak l-istadju l-appellant kien qed jaghti x-xhieda tieghu dwar il-fatti, u kien imbaghad ghall-avukat tieghu u ghall-prosekuzzjoni u wara ghall-Qorti li tislet il-konsegwenzi legali. Ifisser li messu baxxa rasu ghall-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali li legalment kienu zbaljati?

“Irid jinghad ukoll li s-sentenza ma taghmilx referenza ghall-arrest preventiv li kien hemm waqt l-estradizzjoni. Appena l-appellant gie arrestat u mizmum gewwa l-Italja, dak il-perjodu jghodd skond l-Att dwar l-Estradizzjoni ghall-komputazzjoni tal-piena. Dan ghandu, se mai, jitnizzel fis-sentenza.

**I. Appell dwar id-digriet tal-31 ta’ Lulju, 2013 fuq telf ta’ flejjes bhala garanzija ghas-safar.**

"Kif tipprovdi l-ligi, mid-digrieti hemm dritt ta' appell mas-sentenza finali. Jinghad mal-ewwel li l-Qorti kienet gustifikata li tirrevoka l-helsien mill-arrest stante li l-appellant naqas li jidher ghall-procediment minghajr raguni valida. Imma mhux fuq il-konsegwenzi.

"Fl-ewwel lok ma kien hemm l-ebda bail bond iffirmat oltre dak originali li fuqu l-Qorti setghet tistrieh halli taghti provvediment. *Quod non est in actis non est in mundo*. L-artikolu 585 tal-Kap 9 jitkellem fuq is-somma msemmija fil-**garanzija jew bail bond**, u mhux fid-digriet tal-Qorti. Bail bond ma giex redatt.

"Fit-tieni lok, in-nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest huwa issa reat. Fabio Zulian ma giex mibghut Malta biex iwiegeb ghal tali reat. Ghall-inqas fuq hekk ghandu jkun hemm qbil ghax l-anqas talba ma kien hemm mill-awtoritajiet Maltin lejn dawk Taljani fl-estradizzjoni. L-Artikolu 25(2) tal-Kap 276 jghid: 'Ma ghandu jsir xejn f'Malta dwar persuna li ghaliha japplika dan l-artikolu, matul iz-zmien imsemmi fis-subartikolu (3), ghal jew dwar xi reat maghmul minnha qabel ma treggghet lura Malta hlief...' Il-kompetenza tkun biss fuq ir-reati li ghalihom tkun intbaghtet il-persuna, jew li l-pajjiz barrani jkun ta l-kunsens tieghu biex jigu trattati ulterjorment, u dan minn dak inhar li l-persuna tingieb Malta sa 45 gurnata minn dakinhar li seta' jitlaq minn Malta. **Ghalhekk la ma kienx hemm estradizzjoni fuq dan il-punt (reat fih innifsu) il-Qorti Maltija ma kellhiex kompetenza li tiehu provvedimenti li jinbidlu f'habs, u dan skond il-ligi specjali tal-estradizzjoni kif hawn imsemmi.**

"Fit-tielet lok, il-kwestjoni tal-ksur tal-liberta` provvisorja u l-ammonti stabiliti u anke kif jigu konvertiti l-istess ammonti tal-garanziji kien oggett tas-sentenza tal-Qorti Ewropea ghad-drittijiet tal-Bniedem, **Gatt vs Malta**. Umbghad kien hemm ukoll is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Maltija **John Grima vs Avukat Generali**, li kwazi mxiet fuq l-istess binarju. Huwa minnhu li wara saret l-emenda fil-ligi. Imma fil-kaz prezenti xorta kellha ssir talba ghall-estradizzjoni halli l-Qrati Maltin ikollhom kompetenza.

"Fir-raba lok, kull provvediment li taghti l-Qorti (apparti l-kwestjoni tal-estradizzjoni limitativa) irid ikun imsejjes fuq il-ligi. Mhux legittimu li l-Qorti la thoss hekk taghmel hekk. Fid-digriet tal-31 ta' Lulju, 2013, ma hemmx il-bazi legali. Huwa gie mwahhal multa ta' disprezz *in faciem curiae*. *In faciem curiae* tfisser meta qorti tkun fis-seduta. Jekk isir storbju barra mill-awla, ma tistax issib htija "*in faciem curiae*". Ghax fil-process *in faciem curiae* l-anqas ikun hemm bzonn biss provi, ghax ikun il-gudikant stess li ra u sema'. Pero` taht liema provvediment tal-ligi setghet il-Qorti tordna li jiddepozita somma, u fin-nuqqas tigi kkonvertita f'habs? Ma hemm l-ebda artikolu msemmi tal-ligi. U l-anqas kieku wiehed jipprova jsibu f'xi kodici m'hu se jsibu. Ghax ma jezistix. *Nulla poena sine lege*."

**6.** Fis-seduta ta' l-4 ta' Frar 2015, l-Avukat Dottor Joseph Brincat għall-appellant iddikjara li kien qiegħed jirtira l-aggravji mmarkati A (in kwantu jirrigwarda l-punt li l-Avukat Ġenerali ma daħħalx ir-riċiklaġġ fin-nota ta'

rinviju tiegħu), D u E. Għaldaqstant din il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom.

**7.** L-aggravju B jirrigwarda r-reat kontemplat fl-artikolu 83A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta. L-ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati skond is-subartikolu (2) ta’ dak l-artikolu, cioe` li huwa kien “jappartjeni” għal “għaqda ta’ żewġ persuni jew aktar bil-ħsieb li jagħmlu reati kriminali li għalihom jistgħu jeħlu l-piena ta’ priġunerija għal żmien erba’ snin jew iktar” (*associazione per delinquere*).

**8.** Tajjeb li ssir referenza għall-kliem testwali ta’ l-ewwel żewġ subartikoli ta’ l-artikolu 83A:

**“(1) Kull min jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja għaqda ta’ żewġ persuni jew aktar bil-ħsieb li jagħmlu reati kriminali li għalihom jistgħu jeħlu l-piena ta’ priġunerija għal żmien erba’ snin jew iktar, jistgħu jeħlu l-piena ta’ priġunerija għal żmien minn tlieta sa seba’ snin.**

**(2) Kull min ikun jappartjeni għal għaqda msemmija fis-subartikolu (1) jista’ għal dak il-fatt biss jeħel il-piena ta’ priġunerija għal żmien minn sena sa ħames snin.”**

**9.** Evidentement japplikaw ir-regoli ġurisdizzjonali kontenuti fl-artikolu 5 tal-Kodiċi Kriminali. Mill-provi jidher li l-għaqda twaqqfet barra minn Malta, jew fl-Italja jew, kif tirrimarka l-ewwel Qorti stess[1], fir-Rumanija u għalhekk l-appellant ġie li kien jappartjeni għal dik l-għaqda li twaqqfet barra minn Malta. Issa, is-subartikolu (5) ta’ l-artikolu 83A jipprovdi: **“L-azzjoni kriminali għal reat kontra d-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu tista’ ssir f’Malta minkejja li l-għaqda ta’ persuni jkollha bażi jew tkun tmexxi l-attivitajiet kriminali tagħha barra minn Malta.”** B’dan is-subartikolu, il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin qed tiġi estiża għal tali għaqda mwaqqfa Malta li jkollha bażi jew li tmexxi l-attivitajiet kriminali tagħha barra minn Malta. Dan is-subartikolu ma japplikax bil-kontra. Għalhekk l-appellant ma setax jinstab ħati taħt l-artikolu 83A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta

**10.** L-aggravju C jirrigwarda s-sejbien ta’ ħtija taħt l-artikolu 48A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

---

[1] Paġna 80 tas-sentenza: “Tħoss il-Qorti illi hemm biżżejjed provi a bażi tal-fatti gia` esposti, li jorbtu bla dubbju dettat mir-raġuni lil Zulian ma’ dan il-ftehim li sar (probabbilment) ġewwa r-Rumanija biex jiġi defrodat il-Casino bl-użu ta’ strumenti ta’ kreditu llećiti.”

**"48A. (1) Kull min f'Malta jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma jkunx delitt taħt l-Att dwar l-Istampa, ikun ħati tar-reat ta' assoċjazzjoni biex jagħmel dak ir-reat.**

**"(2) L-assoċjazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) tibda teżisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tiġi ppjanata jew miftiehma bejn dawk il-persuni.**

**"(3) Kull min jinsab ħati ta' assoċjazzjoni taħt dan l-artikolu jista' jeħel il-piena għal delitt ikkunsmat li jkun l-għan ta' l-assoċjazzjoni, mnaqqsa b'żewġ gradi jew tlieta.**

**"(4) Għall-għanijiet tas-subartikolu (3), sabiex tiġi stabbilita l-piena għar-reat sħiħ li jkun l-għan ta' l-assoċjazzjoni, għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha li jaggravaw dak ir-reat."**

**11.** Jiġi fl-ewwel lok osservat illi sabiex jiġi applikat l-imsemmi artikolu 48A, irid jiġi determinat liem'hu r-reat li tiegħu l-prosekuzzjoni tkun qed tallega li tiegħu l-assoċjati jkunu ppjanaw jew ftehmu biex iwettqu. Għalhekk ir-reat ta' assoċjazzjoni jrid jiġi abbinat ma' tali reat. Inoltre almenu wieħed mill-assoċjati jrid ikun f'Malta. Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti rabtet, korrettement, din l-assoċjazzjoni mal-frodi li kellu jiġi kommess lill-Casino` di Venezia. Iżda qalet hekk:

> "Żgur illi mancando ammissjoni ċara din ta' ftehim ta' Zulian kif spjegat, mal-oħrajn biex jiġi attwat dan it-tranell, il-Qorti trid tasal mill-provi ċirkostanzjali. Tħoss il-Qorti illi hemm biżżejjed provi a bażi tal-fatti gia` esposti, li jorbtu bla dubbju dettat mir-raġuni lil Zulian ma' dan il-ftehim li sar (probabbilment) ġewwa r-Rumanija biex jiġi defrodat il-Casino` bl-użu ta' strumenti ta' kreditu lleċiti."

**12.** Jiġifieri l-ewwel Qorti stess qalet li l-assoċjazzjoni saret barra minn Malta u mhux f'Malta. Kif tgħid il-liġi stess, l-assoċjazzjoni tibda teżisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tiġi ppjanata jew miftiehma bejn l-assoċjati. Miċ-ċirkostanzi tal-każ jidher illi tali pjan tfassal barra minn Malta. L-appellant u l-kompliċi l-oħra ġew Malta sabiex iwettqu dak il-ftehim.[2] Kwindi ma setax jinstab ħati skond l-artikolu 48A imsemmi.

**13.** <u>L-aggravju F</u> u <u>t-tieni parti ta' l-aggravju A</u> jirrigwardaw is-sejbien ta' ħtija ta' l-appellant skond il-provvedimenti tal-Kap. 373, cioe` in kwantu l-appellant instab ħati tar-reat ta' *money laundering*.

---

[2] Kliem l-artikolu 48A huwa differenti minn dak fl-artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta: "Kull min: (f) <u>jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta</u> sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni, ikun ħati ta' reat kontra din l-Ordinanza."

**14.** Issa, kif jirriżulta mill-atti, l-appellant kien inġab lura mill-Italja wara l-ħruġ ta' *European Arrest Warrant*. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell ta' Torino ta' l-14 ta' Novembru 2011 ma kienx issemma r-reat ta' *money laundering* (riciclaggio). Id-difiża dehrilha li l-Qrati Maltin għalhekk ma setgħux aktar jieħdu konjizzjoni ta' dan ir-reat in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 25 tal-Kap. 276. Intalbu kjarifiki mill-Qorti msemmija. B'ittra tat-28 ta' Frar 2013 (fol. 3789 Vol. 13) mill-President ta' dik il-Qorti jintqal:

> "... la sentenza si riferisce <u>a tutti i reati per i quali e` stata avanzata la richiesta con il m.a.e. 13-10-2011 della Corte dei Magistrati di Malta</u>.
>
> "Lo si desume dalla motivazione della sentenza, nella quale non si esclude alcuno dei reati indicate nel m.a.e. e a meta` di pag. 7 si specific ache *'quanto agli altri reati le loro caratteristiche indicano che non possono che essere stati commessi in territorio maltese, <u>ne` la difesa ha su di essi sollevato alcuna questione'</u>*.
>
> "Proprio la circostanza che la difesa non avesse sollevato questioni sugli altri reati (a differenza di quanto fatto per l'associazione per delinquere, per il falso e per la ricettazione) ha fatto sic he non sia stao specificato il delitto di riciclaggio.
>
> "Comunque tale circostanza non vuole assolutamente indicare che esso debba intenddersi escluso."

**15.** Sussegwentement għal numru ta' mistoqsijiet tad-difiża, il-Qorti ta' l-Appell ta' Torino ħarġet "Ordinanza" (fol. 3824 et seq. Vol. 13) fejn, *inter alia*, qalet li kien eskluż l-"autoriciclaggio". Hija fil-fatt, wara li rreferiet għall-fatti tal-każ kif kienu jirriżultaw mill-*European Arrest Warrant*, qalet hekk:

> "Questi essendo i fatti, rileva la Corte che risulta in essi compresa anche quella parte di condotto che nel MAE viene indicate con l'espressione 'sparizione di soldi', espressione che non e` stata ripresa e menzionata nella sentenza che ha disposto la consegna in quanto alla stregua del nostro codice penale tale parte di fatto si identifica con il profitto del reato di truffa: in sostanza, l'incameramento della somma di 172.000,00€ da parte dello Zulian e dei complici risulta corrispondere a uno degli elementi costitutivi del reato di truffa, e cioe` il conseguimento del cprofitto illecito che deve sussistere, unitamente agli altri elementi degli artefici e raggiri e dell'induzione in errore, per la configurabilita` del reato.
>
> "Se cosi e`, dunque, la consegna e` stata disposta anche per quella parte di condotta relative alla ricezione ed incameramento del denaro ricavato dalla commissione del reato.
>
> "Cio` detto, preme peraltro rilevare che qualora nell'ordinamento maltese questa parte della condotta venga considerata non gia` costitutiva del reato di truffa, bensi condotta a se` stante ed autonomamente perseguibile tramite il reato c.d. di

> 'sparizione di soldi'[3] e qualora tale reato corrisponda, come asserito dal difensore di Zulian, al reato di autoriciclaggio, ebbene quest'ultimo – inteso, si badi, come successiva sostituzione, trasferimento o nascondimento mediante altre attivita` da parte di un soggetto di denaro proveniente da un illecito commesso dal soggetto medesimo – non e` attualmente previsto dall'ordinamento italiano (ed, a ben vedere, non risulta neppure indicato nella descrizione dei fatti dedotti con il MAE) e, dunque, in questi limiti per esso lo Zulian non potrebbe essere consegnato in ossequio al principio di cui all'art. 7 della L.69/05 della doppia incriminabilita`."

**16.** Minn dan kollu huwa evidenti illi l-appellant ma setax jiġi proċessat għal "autoriciclaggio" iżda seta' jiġi proċessat għal "riċiklaġġ".

**17.** Issa, jingħad l-ewwel nett illi d-definizzjoni tal-kelma "proprjeta`" fl-artikolu 2 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Kontra *Money Laundering*) sa fejn rilevanti hi s-segwenti:

> "'proprjetà' tfisser proprjetà u attiv ta' kull xorta, natura u deskrizzjoni, sew mobbli sew immobbli, sew korporali sew inkorporali, sew tanġibbli sew mhux tanġibbli, dokumenti legali jew strumenti legali li jkunu prova ta' titolu, jew interess f'dik il-proprjetà jew dak l-attiv u, bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, tinkludi –
>
> (a) kull flus, kemm jekk l-istess flus ikunu jew ma jkunux valuta legali f'Malta, bills, titoli, bonds, dokumenti negozjabbli jew kull dokument li jista' jkun negozjabbli inkluż dokument li jitħallas lill-portatur jew imdawwar biex jitħallas lill-portatur kemm jekk espressi f'euro jew f'xi flus oħra barranin;
>
> (b) flus kontanti jew depożiti jew kontijiet ta' flus ma' xi bank, istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni oħra kif jista' jiġi preskritt li jmexxu jew ikunu mexxew il-kummerċ tagħhom f'Malta".

**18.** M'hemmx dubju li l-*bank drafts* u ċekkijiet li ppreżenta l-appellant lill-Casino` di Venezia ma kinux "dokumenti negozjabbli" għax kieku ppreżentati l-Bank – u difatti ġew hekk preżentati – ma kinux jissarrfu. Kemm il-*bank drafts* kif ukoll iċ-ċekkijiet kienu misruqa. Għalhekk dak akkwistat mit-tisrif ta' dawn il-*bank drafts* u ċekkijiet ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' *money laundering*. Dawn iżda kienu l-mezzi li bihom saret it-truffa għad-dannu tal-Casino` di Venezia. Dak akkwistat mil-logħob kien il-frott ta' dik it-truffa. Issa, il-*fiches* huma oġġetti mobbli u għalhekk għandhom jiġu kkunsidrati bħala "proprjeta`" kif definita fil-Kap. 373. Difatti f'casino` jiġu skambjati għal flus. Konsegwentement il-mument meta r-rebħ ġie konvertit f'*win cheques* jista' jitqies bħala l-mument meta beda l-proċess ta' riċiklar, ġaladarba il-*fisches* kienu l-proventi tat-truffa.

---

[3] Fit-traduzzjoni tal-European Arrest Warrant, ir-reat ta' "laundering of the proceeds of crime" ġie sfortunatemht tradott għal "sparizione di soldi" minflok "riciclaggio".

**19.** Fil-każ ta' l-appellant, in kwantu l-ħruġ ta' *win cheque* f'isem Stefano Zulian, wieħed jista' jitkellem dwar *autoriciclaggio*. Għalhekk, nonostante illi minn dak li tipprovdi l-liġi dwar ir-riċiklaġġ jidher li l-*autoriciclaggio* mhuwiex prekluż, in vista ta' dak li ntqal *supra* f'paragrafi 14 – 16, l-appellant ma jistax jiġi kkunsidrat ħati ta' riċiklaġġ fir-rigward ta' dak il-*win cheque*. Iżda kien hemm numru ieħor ta' *win cheques* li nħarġu f'isem persuni oħra li, bħall-appellant, kienu jiffurmaw parti minn din l-assoċjazzjoni ta' nies li kienu ġew Malta bl-iskop li jiddefrawdaw il-Casino` di Venezia. Difatti uħud minn dawn il-persuni kienu sarrfu uħud mill-*win cheques* il-Bank of Valletta u ttrasferew il-flus permezz ta' *swift transfer*. L-appellant kien wieħed minn dawk il-persuni li sarrfu *bank drafts* u ċekkijiet fil-casino` u pprovdew *fisches* lil assoċjati oħra; jiġifieri pprovdew il-mezz li bih seta' jsir ir-riċiklaġġ. Kwindi l-appellant għandu jitqies bħala kompliċi fir-riċiklaġġ ipprattikat minn assoċjati oħra.

**20.** Permezz ta' l-aggravju G l-appellant isostni li ma kellux jiġi kkundannat iħallas spejjeż peritali. L-ewwelnett, kuntrarjament għal dak li jgħid l-appellant fir-rikors ta' appell tiegħu, l-ewwel Qorti għamlet referenza fis-sentenza tagħha għar-relazzjonijiet ta' Dr. Martin Bajada (relazzjoni dwar il-*mobiles* ta' l-appellant u tal-ko-imputati l-oħra u relazzjoni dwar *CCTV footage* meħud minn *video cassettes* kontenenti *recordings* ta' logħob li kien qiegħed isir fuq xi mwejjed tal-Casino` di Venezia, dik tal-Perit Valerio Schembri konsistenti fi pjanti tal-lokal u tas-*CCTV cameras*, u dik ta' l-Avukat David Farrugia Sacco dwar riċerki li saru ta' assi ta' l-appellant.

**21.** Kwantu għar-relazzjoni ta' l-Avukat David Farrugia Sacco, din il-Qorti tirreferi għal sitwazzjonijiet simili li rrikorrew fil-kawżi fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Walter John Cassar**[4] u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Muscat**[5]. Fit-tieni każ kien intqal:

> "Ċertament ir-relazzjoni tal-perit tal-impronti diġitali Juliana Scerri Ferrante, liema relazzjoni kienet waħda kompletament negattiva fis-sens li ma setgħet tqabbel xejn, m'għandhiex tkun a karigu tal-appellant (ara d-dokument GSF a fol. 237 *et seq.*). L-istess jingħad għar-relazzjoni tal-Avukat Dott. Vincent Galea (fol. 334 *et seq.*). Apparti li din il-Qorti ma tarax għala huwa neċessarju li jitqabbad "perit" ossia "espert" biex jiġu stabbiliti l-assi tal-imputat għall-finijiet tal-ordni ta' sekwestru magħmul skond l-Artikolu 22A tal-Kap. 101, b'ebda mod ma jista' jingħad li, għall-anqas f'dan il-każ, din ir-relazzjoni setgħet b'xi mod tinċidi fuq il-ħtija tal-appellant (ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Walter John Cassar** li diġa` saret referenza għaliha). Għalhekk l-appellant kellu jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż peritali kollha, ħlief dawk konnessi mal-imsemmija żewġ relazzjonijiet."

[4] Deċiż mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (ġurisdizzjoni superjuri) fl-4 ta' Ottubru 2007.
[5] *Ibidem* 28 ta' Diċembru 2009.

**22.** Fil-każ in eżami wkoll ir-relazzjoni ta' l-Avukat Dottor David Farrugia Sacco hi fin-negattiv. Kwantu għar-relazzjonijiet ta' dan l-espert dwar il-ko-imputati, bl-ebda tiġbid ta' l-immaġinazzjoni ma jistgħu jiġu akkollati lill-appellant. Kwantu għar-relazzjoni tas-*scene of crime officer* P.C. 650 Justin Tabone esebita minnu fil-31 ta' Lulju 2012 fejn jgħid illi huwa ġie nominat fis-26 ta' Lulju 2012, din il-Qorti tgħid li ma sabet l-ebda digriet li jinnominah bħala espert. Hemm referenza għal P.C. 650 mill-Ispettur Antonovich Muscat fix-xiehda tiegħu tal-31 ta' Lulju 2012. Għalhekk l-appellant ma jistax jiġi ordnat iħallas l-ispejjeż ta' P.C. 650 li kellu jiġi kkunsidrat bħala xhud ordinarju. B'hekk l-ispejjeż peritali li jrid iħallas l-appellant huma dawk li se jiġu elenkati, inklużi dawk għat-traduzzjoni tal-*European Arrest Warrant*. Dawn huma:

| | |
|---|---|
| Dr Martin Bajada (Dok MB esebit 11/4/07) | € 580.24 [Lm249.10] |
| Perit Valerio Schembri (Dok VS esebit 8/5/07 | €2,005.15 [Lm860.81] |
| Dr Martin Bajada (Dok MB esebit 31/8/12) | € 281.55 |
| Dr Patrick Valentino għat-traduzzjoni tal-*European Arrest Warrant* | € 160.00 |
| | -------------------- |
| | €3,026.94 |

**23.** Konsegwentement l-ammont komplessiv li għandu jħallas l-appellant huwa ta' tlett elef u sitta u għoxrin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€3,026.94).

**24.** Permezz ta' <u>l-aggravju H</u> l-appellant jilmenta dwar il-piena. In vista ta' dak deċiż fil-paragrafi preċedenti, irid ikun hemm temperament fil-piena.

**25.** Permezz ta' <u>l-aggravju I</u> l-appellant jisħaq li l-ewwel Qorti ma kinitx ġustifikata tikkonkludi kif għamlet bid-digriet tagħha tal-31 ta' Lulju 2013.

2**6.** Permezz ta' rikors ta' l-Avukat Ġenerali tas-7 ta' Awwissu 2012 (fol 3609 – 3610 Vol 12) il-Qorti tal-Maġistrati ntalbet li (1) jittieħdu l-passi u s-sanzjonijiet meħtieġa kontra l-appellant talli ma ottemperax ruħu mad-digrieti ta' dik il-Qorti tas-6 ta' Ottubru 2009, 11 ta' Novembru 2009 u 3 ta' Diċembru 2009[6] u żvija lill-istess Qorti[7], (2) l-appellant jiġi ordnat jgħaddi s-somma ta' €24,000 lir-Reġistratur sabiex jiġu konfiskati, u (3) jekk l-ammont ma jiġix hekk mgħoddi, l-ammont imsemmi jiġi konvertit fi priġunerija. B'digriet tal-31 ta' Lulju 2013, l-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet ta' l-Avukat Ġenerali, ikkundannat lill-appellant €1,000 għal disprezz *in faciem curiae*, ordnat li

---

6 Fejn ġie awtorizzat isiefer b'dan li kellu jkun hemm depożitu ta' €24,000.
7 Peress illi fir-rikorsi relattivi ntqal li dawn kienu jinsabu depożitati mentri effettivament kienu ġew żbankati ad insaputa tad-difensuri ta' l-appellant.

jiddepożita s-somma ta' €24,000 u li, jekk jonqos jagħmel il-pagamenti opportuni fi żmien ġimgħa, is-somma globali ta' €24,293.73 kellha tiġi konvertita fi priġunerija.

**27.** Issa, mill-atti jirriżulta illi b'rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija tat-18 ta' Jannar 2012 (fol. 3482 – 3483 Vol 12), il-prosekuzzjoni kienet diġa` talbet li l-Qorti tal-Maġistrati tieħu l-provvedimenti meħtieġa fil-konfront ta' l-appellant "ai termini ta' l-artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali" minħabba n-nuqqas ta' l-appellant li jirritorna Malta. B'digriet ta' l-20 ta' Jannar 2012 fil-fatt dik il-Qorti laqgħet it-talba tal-prosekuzzjoni "kif dedotta fl-istess rikors a bażi ta' l-artikolu 579(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta", ordnat l-arrest immedjat ta' l-appellant, irrevokatlu l-ħelsien mill-arrest u ordnat il-konfiska tad-depożitu u l-garanziji kollha minnu depożitati.

**28.** Issa, l-artikolu 527 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi: "Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra." Dan hu hekk anke fejn imputat jew akkużat jinstab ħati. Jista' jiġri li l-istess fatt jista' jivvjola aktar minn provvediment wieħed tal-liġi u għalhekk jista' joħloq diversi raġunijiet għall-inkriminazzjoni. X'inhu fatt kien spjegat fil-każ 'Rex versus Rosaria Portelli' fil-każ deċiż fit-23 ta' Frar 1904 (Vol.XIX.P.IV p1). Il-Qorti kienet qalet hekk:

> 'La legge intende il fatto principale in quanto meritevole di pena, o come altri si espresse non intende semplicemente il fatto storico o naturale nei suoi diversi momenti ma il fatto giuridico nel suo complesso.'

**29.** Dwar dan il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu dwar il-Proċedura (paġina 45) jgħid hekk:

> "In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of the law arising out of that fact, be it even the least serious, and a judgement is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations. This principle, first expressly affirmed in 'Rex versus Rosaria Portelli' has now become settled law.'

**30.** Fil-fatt fit-2 ta' Diċembru 1939, l-Imħallef Harding fil-każ 'Camilleri versus Cilia' kien qal li huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li meta mill-istess fatt, mibni fuq l-istess intenzjoni, jinkisru żewġ drittijiet jew aktar, m'hemmx pluralita` ta' offiżi iżda offiża waħda bil-vjolazzjoni li jkunu iżgħar jkunu assorbiti fil-vjolazzjoni l-aktar serja. U jekk persuna tkun iġġudikata għal waħda mill-vjolazzjonijiet u jkun meħlus jew jinsab ħati, is-sentenza iżżomm kull prosekuzzjoni ġdida li tista' ssir għal kull vjolazzjoni oħra, ukoll jekk il-vjolazzjoni li jkun tressaq fuqha l-ewwel darba tkun l-anqas waħda serja.

**31.** Fil-każ odjern għalhekk il-prosekuzzjoni ma setgħetx terġa' titlob li jittieħdu "l-passi u s-sanzjonijiet meħtieġa" għan-nuqqasijiet ta' l-appellant ġaladarba kien diġa` ġie aġġudikat f'dar-rigward bid-digriet ta' l-20 ta' Jannar 2012. Barra minn hekk l-ewwel Qorti ma setgħetx *ex post facto* tordna lill-appellant jiddepożita somma flus li, skond id-digrieti msemmija mill-Avukat Ġenerali, kellha tkun depożitata bħala garanzija għar-ritorn tiegħu. Wara kollox, wara l-ewwel żewġ digrieti, jekk siefer, huwa kien irritorna Malta. U jekk, qabel ma siefer sussegwentement għad-digriet tat-3 ta' Diċembru 2009, ma kinitx ġiet depożitata s-somma ndikata u l-appellant xorta siefer, jista' tali nuqqas jiġi attribwit neċessarjament lill-appellant? Fi kwalunkwe każ, bid-digriet imsemmi ta' l-20 ta' Jannar 2012, l-ewwel Qorti kienet diġa` ordnat il-konfiska tad-depożitu u l-garanziji kollha minnu depożitati. Dak li ma kienx jinsab depożitat ma setax jiġi konfiskat.

**32.** Konsegwentement l-aggravju I qiegħed jiġi milqugh.

**32.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant Fabio Zulian ħati skond l-artikoli 83A(2), 48A, b'dan illi qieset illi l-aħħar reat kien wieħed kompriż u nvolut fl-ewwel wieħed (cioe` li din l-assoċjazzjoni wasslet għal dan il-*common design*, u modalitajiet tiegħu); in kwantu nstab ħati tar-reat ta' *money laundering* tiddikjarah ħati ta' dak ir-reat bħala kompliċi skond l-artikolu 42(ċ) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta; tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannat lill-imsemmi Fabio Zulian għall-piena ta' seba' snin priġunerija, u minflok tikkundannah għall-piena ta' sitt snin priġunerija; tirrevokaha in kwantu ordnat li jħallas lir-Reġistratur l-ispejjeż peritali ammontanti għal ħamest elef disa' mija u sitt euro u tletin ċenteżmu (€5,906.30), b'dan illi jistgħu jiġu konvertiti fi priġunerija skond il-liġi f'nuqqas ta' ħlas, u minflok tikkundannah iħallas lir-Reġistratur bħala spejjeż peritali s-somma ta' tlett elef u sitta u għoxrin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€3,026.94), b'dan illi jistgħu jiġu konvertiti fi priġunerija skond il-liġi f'nuqqas ta' ħlas; tirrevoka fl-intier id-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-31 ta' Lulju 2013; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Fl-aħħarnett tordna li l-awtoritajiet kompetenti, in vista ta' dak ritenut fis-sentenza tal-Corte d'Appello di Torino ta' l-14 ta' Novembru 2011 li "il consegnando, in quanto cittadino italiano, dovra` essere rinviato in Italia al termine del procedimento, per scontarvi l'eventuale pena erogata", biex jagħmlu l-prattiċi kollha neċessarji sabiex l-appellant jintbagħat l-Italja biex iservi l-bqija tat-terminu ta' priġunerija ġewwa l-Italja. Tordna notifika lill-Ministru tal-Ġustizzja, lill-Kummissarju tal-Pulizija, u lid-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin. Għall-finijiet tal-komputazzjoni tal-perijodu li fih l-appellant inżamm taħt arrest preventiv, irid jittieħed kont ukoll tal-perijodu li għamel taħt arrest preventiv ġewwa l-Italja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------